INSTRUCTIONS IN ENGLISH ● VERŻJONI BL-INGLIŻ

Skip past the Maltese version of the form to find a version in English. Read it carefully, then follow the steps below if you understand and agree with the contents.

1. Print the document, excluding this page if possible. If you don't have a printer and go outside to get the form printed, send us an email with your address and we'll send you a copy by post.
2. Fill out your details in the spaces provided.
3. Sign the last page of the document in the space provided.
4. Then either scan and email the document to matthew@daphne.foundation or send it by post to Repubblika's registered address at 55 Melita Street, Valletta VLT 1122, Malta.

If you have any questions after reading the form, please check our frequently asked questions (FAQ) page for explanations in simple, non-legal English or write to the email address above.

Thank you.

---

STRUZZJONIJIET BIL-MALTI ● MALTESE VERSION

Wara din il-paġna issib il-formola bil-Malti. Aqrha b'attenzjoni u wara segwi dawn l-istruzzjonijiet jekk tifhem u taqbel ma' dak li tgħid il-formola:

1. Ipprintja dan id-dokument, u jekk tista' ħalli barra din il-paġna bl-istruzzjonijiet. Jekk m'għandekx printer, ibgħatilna email bl-indirizz tiegħek u nibgħatulek kopja bil-posta.
2. Imla d-dettalji tiegħek fl-ispazji pprovduti.
3. Iffirma l-aħħar paġna ta' dan id-dokument fl-ispazju pprovdut.
4. Wara, jew tiskenja u tibgħat dan id-dokument b'email lil matthew@daphne.foundation inkella bil-posta fl-indirizz reġistrat ta' Repubblika f'55, Triq Melita, il-Belt Valletta VLT 1122, Malta.

Grazzi.

THIS IS THE MALTESE VERSION ● DIN HIJA L-VERŻJONI BIL-MALTI
KEEP GOING FOR THE ENGLISH VERSION

# AZZJONI KOLLETTIVA KONTRA C-PLANET (IT SOLUTIONS) LIMITED, U KWALUNKWE ENTITÀ, PARTIT POLITIKU JEW INDIVIDWU IEĦOR LI KELLU X' JAQSAM MA', JEW IKKONTRIBWIXXA GĦALL-VJOLAZZJONI TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI, INKLUŻI ENTITAJIET LI SA ISSA L-IDENTITÀ TAGĦHOM MHIJIEX MAGĦRUFA

Jien sibt li dettalji personali tiegħi kienu f'database li kienet amministrata minn jew fil-pussess ta' **C-Planet** (**IT Solutions**) **Limited**, kumpannija reġistrata f'Malta bin-numru C-41536 u bl-uffiċju f'Telemetry House, 52 Triq il-Konservatorju, Floriana.

Din id-database kienet għal xi żmien aċċessibbli għal kulħadd minn fuq l-Internet u mingħajr restrizzjoni u kienet tippermetti lil min ried, ifittex id-data personali tiegħi u jsib informazzjoni sensittiva dwari. Din hi informazzjoni li jien ma ridt qatt tidher fil-pubbliku u qatt ma tajt permess lil ħadd jagħmilha pubblika.

L-informazzjoni kienet tinkludi dak li xi ħadd dehrlu hi l-opinjoni jew l-affiljazzjoni politika tiegħi jew inkella li m'għandix affiljazzjoni politika li hi materja għal kollox privata, meqjusa bħala data sensittiva skond il-liġijiet applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, u li l-espożizzjoni tagħha, kemm jekk l-informazzjoni hi korretta u kemm jekk m'hix, tikkawżali danni minħabba li l-iproċessar tal-istess tip ta' data personali hija projbita fil-liġi u li nibża li nsofri preġudizzji fil-ħajja ta' kuljum. Nobsor li diġà sofrejt konsegwenzi kemm ilha teżisti din id-database meta jien ma kontx naf biha.

Kien hemm ukoll numri tat-telefon li nqis bħala informazzjoni personali li ma awtorizzajt lil ħadd ixandar b'dan il-mod. Nibża wkoll li din l-informazzjoni nġabret u/jew ġiet ipproċessata b'mod illegali u abbużiv u li ntużat u għadha qed tintuża b'mod illegali, abbużiv u li jhedded jew jherri il-privatezza u d-drittijiet demokratiċi tiegħi, liġijiet u konvenzjonijiet oħra internazzjonali u Ewropej li tagħhom Malta hija membru, kif ukoll dawk id-drittijiet speċifiċi li joħorġu mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (UE) 2016/679 ('GDPR').

B'dan għalhekk niddikjara li nixtieq nissieħeb bl-ilment tiegħi flimkien ma' individwi oħra milquta bl-istess mod bħali permezz ta' din il-vjolazzjoni tad-data personali, fl-azzjoni kollettiva fil-Qorti amministrata minn Repubblika organizzazzjoni volontarja reġistrata mal-Kummissarju tal-Għaqdiet Volontarji bin-numru VO 1670 u mar-Reġistratur għal Persuni Legali bin-numru LPA-12 u/jew The Daphne Caruana Galizia Foundation, organizzazzjoni volontarja reġistrata mal-Kummissarju tal-Għaqdiet Volontarji bin-numru VO 1633 u mar-Reġistratur għal Persuni Legali bin-numru LPA-280, kontra 'l fuq imsemmija kumpannija C-Planet (IT Solutions)

**THIS IS THE MALTESE VERSION ⬤ DIN HIJA L-VERŻJONI BIL-MALTI**
**KEEP GOING FOR THE ENGLISH VERSION**

Limited u kwalunkwe entità oħra, partit politiku jew individwu ieħor li kellu x'jaqsam ma', jew ikkontribwixxa għal, jew li jista' jirriżulta li huwa involut jew b'xi mod ieħor responsabbli, anke b'mod inċidentali, fir-rigward tal-vjolazzjoni tal-protezzjoni tad-data personali, inkluż entitajiet li sa issa l-identità tagħhom mhijiex magħrufa.

*Immarka hawn il-kaxxi biex turi l-qbil tiegħek. L-ewwel kaxxa biss hi obbligatorja biex tieħu sehem f'din l-azzjoni fil-qorti. M'għandekx għalfejn tkun membru ta' Repubblika biex tieħu sehem. Għandek tkun taf li din il-kawża ser tinfetah f'ismek u f'isem oħrajn li bħalek jiddeċiedu li jipparteċipaw fiha. Din il-kawza mhijiex se tinfetah minn xi terza persuna f'ismek. Repubblika u The Daphne Caruana Galiza Foundation qed iservu biss bħala mezz sabiex jamministraw din l-azzjoni meħuda b'mod kollettiv.*

| | |
|---|---|
| Isem u kunjom: | |
| Numru tal-karta tal-identità: | |
| Indirizz residenzjali: | |
| Email: | |
| Telefon ċellulari: | |

☐ Qiegħed b'dan nawtorizza lil Repubblika biex iżżomm l-informazzjoni li qed nipprovdi f'din il-formola għall-iskop li f'ismi tamministra l-azzjoni kollettiva dwar l-allegati vjolazzjoni u ksur tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data kif ukoll tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, minn C-Planet (IT Solutions) Limited, jew minn kwalunkwe entità oħra, partit politiku jew individwu ieħor li kellu x'jaqsam ma', jew ikkontribwixxa għal jew li jista' jirriżulta li hu involut jew b'xi mod ieħor responsabbli, anke b'mod inċidentali, fir-rigward tal-vjolazzjoni tal-protezzjoni tad-data personali, inkluż entitajiet li sa issa l-identità tagħhom mhijiex magħrufa skond ma jkun il-każ, u li żżommni infurmat.

☐ Naqbel li Repubblika u The Daphne Caruana Galizia Foundation jużaw l-informazzjoni f'din il-formola biex iżżommuni infurmat dwar l-inizjattivi tagħhom minn żmien għal żmien. *(Immarka biss jekk tixtieq).*

☐ Jekk m'inhix diġà membru ta' Repubblika, nawtorizza lill-organizzazzjoni biex tibgħatli applikazzjoni għas-sħubija. *(Immarka biss jekk tixtieq).*

**THIS IS THE MALTESE VERSION ⚪ DIN HIJA L-VERŻJONI BIL-MALTI**
**KEEP GOING FOR THE ENGLISH VERSION**

***<u>AVVIŻ TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA</u>***

*Repubblika u l-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia, huma l-kontrolluri tad-Data għad-data personali li nipproċessaw, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor.*

*Kull informazzjoni miġbura fit-twettiq ta' dan l-eżerċizzju hija għall-iskop li namministraw l-azzjoni kollettiva 'l fuq imsemmija, u għalhekk għaliex hija neċessarja fl-interessi leġittimi tiegħek u ta' oħrajn, kif ukoll għall-iskopijiet ta' verifika kif titlob il-liġi. Id-data tiegħek għandha tinżamm biss sakemm tkun meħtiega u m'għandhiex tinqasam ma' partijiet terzi oħra mhux awtorizzati.*

*Taħt ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (UE)2016/679. Inti bħala suġġett tad-data għandek id-drittijiet li ġejjin:*

- *id-dritt għall-aċċess;*
- *id-dritt għar-rettifika;*
- *id-dritt biex tħassar;*
- *id-dritt għar-restrizzjoni tal-ipproċessar; u*
- *id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar.*

*L-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet huwa soġġett għal kwalunkwe restrizzjoni stipulata mil-liġi fejn l-ipproċessar tad-data personali huwa meħtieġ għall-konformità ma' obbligu legali li għalih il-kontrollur huwa soġġett.*

| | |
|---|---|
| Firma: | |
| Data u lok: | |

**THIS IS THE ENGLISH VERSION ⚪ DIN HIJA L-VERŻJONI BL-INGLIŻ**
**MUR LURA GĦALL-VERŻJONI BIL-MALTI**

# CUMULATIVE ACTION AGAINST C-PLANET (IT SOLUTIONS) LIMITED, AND AGAINST ANY OTHER ENTITY, POLITICAL PARTY OR INDIVIDUAL WHO WAS INVOLVED WITH, OR HAS CONTRIBUTED TOWARDS, THE VIOLATION OF THE PROTECTION OF PERSONAL DATA, INCLUDING ANY ENTITIES WHO MAY BE AS YET UNKNOWN

I recently discovered that my personal data were included in a database that was administered by, or in the possession of, **C-Planet** (**IT Solutions**) **Limited**, a company registered in Malta with the registration number C-41536 and with registered office at Telemetry House, 52 Conservatory Street, Floriana.

This database was for some time accessible to everyone through the internet, without restriction, and internet users were freely able to search and find my personal data, including sensitive personal data. This is data that I never wished to be made public, nor did I ever grant any consent to any person to render public.

The information included an indicator on what an unidentified third party considered to be my political opinion or political affiliation, or my lack thereof, which is an entirely private matter considered to be sensitive personal data by applicable data protection laws, and the publication of which – regardless of whether the data is correct or not – exposes me to damages due to the fact that the processing of such personal data is prohibited by law and may cause serious and real prejudice to my day-to-day life. I cannot exclude that I have already suffered consequences as a result of this data processing despite my being unaware of it to date.

The information also included telephone numbers for which, as personal data, I never provided consent for processing or publication in this way. I fear that this data was collected and/or processed in an abusive and illegal manner, and is still being used in a manner that is abusive, illegal and which threatens my right to privacy and other fundamental democratic rights, as well other laws, international and European conventions to which Malta is a signatory, as well as those specific rights that arise from the General Data Protection Regulation (EU) 2016/679 (the 'GDPR').

By means of this document I therefore declare that I wish to joinder my complaint together with that of other individuals affected in the same way by means of this data privacy violation, through a cumulative action before the Courts of Malta, which action will be administered by Repubblika, a civil society organisation registered with the Commissioner for Voluntary

**THIS IS THE ENGLISH VERSION ● DIN HIJA L-VERŻJONI BL-INGLIŻ**
**MUR LURA GĦALL-VERŻJONI BIL-MALTI**

Organisations with the registration number VO/1670 and with the Registrar of Legal Persons with the registration number LPA-12, and/or The Daphne Caruana Galizia Foundation, a civil society organisation registered with the Commissioner for Voluntary Organisations with the registration number VO/1633 and with the Registrar of Legal Persons with the registration number LPA-280, against the above-mentioned company C-Planet (IT Solutions) Limited and against any other entity, political party or individual who was involved with, or has contributed to, or who may result to have been in any other way responsible, even if incidentally, for the violation of the protection of personal data, including any entities who may be as yet unknown.

Please fill out the form and tick-boxes below to indicate your agreement. Only the first tick-box is obligatory in order to form part of any future judicial action. You need not be a member of Repubblika in order to participate. Be aware that any judicial action will be instituted in your name and in the name of others who, like you, have decided to form part of it. Any such judicial action will not be instituted by any other person acting on your behalf. Repubblika and The Daphne Caruana Galizia Foundation are acting purely as administrators in order that this action may be taken in a cumulative or collective manner.

| | |
|---|---|
| Name and surname: | |
| ID card number: | |
| Residential address: | |
| Email address: | |
| Mobile phone number: | |

☐ I hereby authorise Repubblika and The Daphne Caruana Galizia Foundation to process the personal data provided on this form, for the purposes of administering and managing the collective action relating to the alleged violation and breach of the Data Protection Act as well as the General Data Protection Regulation by C-Planet (IT Solutions) Limited, or any other entity, political party or individual who was involved with, or has contributed to, or who may result to have been in any other way responsible, even if incidentally, for the violation of the protection of personal data, including any entities who may be as yet unknown; and to keep me informed and updated on the same.

☐ I consent to Repubblika and The Daphne Caruana Galizia Foundation using my personal data to communicate with me from time to time to inform me of ongoing activities or initiatives. *(This is optional.)*

☐ If I am not yet a member of Repubblika, I grant my consent to the organisers to send me a membership application form. *(This is optional.)*

***DATA PROTECTION NOTICE:***

*Repubblika and The Daphne Caruana Galizia Foundation are the data controllers for the data processed hereon, unless otherwise advised.*

*All data collected in the course of this action is being processed for the purpose of administering the collective action described above, and is therefore necessary for the protection of your legitimate interests and of others, as well as for the purpose of verification as required by law. Your data will be retained only for such a period as is necessary, and will not be shared or distributed to other unauthorised third parties.*

*In terms of the General Data Protection Regulation (EU)2016/679, as a data subject you are reminded of the following rights:*

- *your right of access;*
- *your right to rectification;*
- *your right to request deletion;*
- *your right to the restriction of processing; and*
- *your right to object to the processing.*

*Your right to exercise any of these rights may be subject to any restriction set out by law, in those cases where the processing of personal data may constitute a legal obligation imposed on the data controller(s).*

| | |
|---|---|
| Signature: | |
| Date and place of signing: | |